# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 26 ta' April 2002**

**Appell Nru 134/2001 G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rev. Dr. Joseph Bezzina u**
**Joseph Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni (li jgib id-data tal-4 ta' Mejju, 1995) kontra r-Reverendu Dr Joseph Bezzina u kontra Joseph Debono, liema imputazzjoni tghid testwalment hekk:

"Billi inthom akkuzati talli f'dawn l-ahhar xhur u cioe` minn Ottubru 1994, permezz tal-pubblikazzjoni tal-ktieb *"Forty more Legends from Gozo"* inthom tajtu malafama lil Pawlu Mizzi mill-Imdina Malta, lil Frank Mizzi u lil Anthony Mizzi, it-tnejn mill-Fontana, Ghawdex, billi offendejtu l-memorja tal-mejjet huhom Gorg Mizzi billi attribwejtulu mputazzjonijiet specifici li jistghu jwasslu ghal ingurja, nuqqas ta' reputazzjoni jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghal disprezz tal-pubbliku, liema memorja ta' huhom il-kwerelanti iridu jittutelaw skond il-ligi, u dan bi ksur tal-Artikolu 11 tal-kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta; il-kwerelanti jitolbu wkoll li fil-kaz ta' kundanna il-Qorti joghgobha *mutatis mutandis* tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 20 tal-Att tal-Istampa";

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta' Gunju, 2001, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil **Joseph Debono mhux hati** u lliberatu mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; izda sabet lir-**Reverendu Dr Joseph Bezzina hati** tar-reat kontemplat fl-Artikolu 11(a) tal-Kap. 248 u kkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm200); inoltre dik il-qorti ordnat li dik is-sentenza, jew sommarju komprensiv taghha, "tkun pubblikata jew imxandra ghas-spejjez tal-hati f'gazzetta jew mezz iehor ta' xandir fi zmien hmistax-il jum" skond l-Artikolu 20(1) tal-Kap. 248;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Reverendu Dr Joseph Bezzina, minnu ppresentat fit-2 ta' Lulju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza in kwantu tikkoncerna lilu;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fid-diversi udjenzi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-kawza hija wahda pjuttost insolita peress li hi bbazata in parti fuq dak li jipprovdi l-*proviso* tal-Artikolu 255 (moqri flimkien mas-subartikolu (2) tal-Artikolu 256) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 255 jghid hekk:

Ghall-ingurja ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza: Izda, jekk il-parti offiza tmut qabel ma tkun ghamlet il-kwerela, <u>jew jekk l-ingurja ssir kontra t-tifkira ta' persuna mejta,</u> jistghu jaghmlu l-kwerela, il-mara jew ir-ragel, l-axxendenti, id-dixxendenti, l-ahwa, subien u bniet, u l-werrieta immedjati (sottolinear tal-Qorti).

F'dan il-kaz il-kwerela saret minn hut il-mejjet Gorg Mizzi (li miet fl-1956). Id-disposizzjoni tal-Artikolu 255 hija kwazi identika ghal dak li kienu jipprovdu l-ewwel zewg sentenzi ta' l-Artikolu 400 tal-*Codice Zanardelli*:

Per i delitti preveduti in questo capo non si procede che a querela di parte. Se la parte offesa muoia prima di aver dato querela, o se i delitti siano commessi contro la memoria di un defunto, possono dar querela il coniuge, gli ascendenti, i discendenti, i fratelli, le sorelle e i figli di essi, gli affini in linea retta, e gli eredi immediati.

Disposizzjoni simili tinsab ukoll fil-kodici taljan vigenti (*Codice Rocco*), u precisament fl-Artikolu 597 tieghu. Issa, id-dottrina hija tista' tghid konkordi li din it-tip ta' disposizzjoni – cioe` disposizzjoni li tippermetti lil dawk li jigu mill-mejjet jew li ghandhom jew kellhom xi relazzjoni mieghu, kif prospettata fil-ligi, li jisporgu kwerela meta l-ingurja tkun diretta kontra l-memorja tal-mejjet – ma hiex intiza li tipprotegi lill-mejjet, izda hi primarjament intiza sabiex tittutela d-drittijiet tal-hajjin. In fatti, Luigi Majno, fl-opra tieghu <u>Commento al Codice Penale Italiano</u>, UTET, 1924, Vol. III jikkummenta hekk:

Quanto al fondamento della disposizione in esame, troviamo nella relazione ministeriale del 1887 questa spiegazione: *"Della incriminabilita` delle ingurie contro i defunti non si puo` dubitare, e gia` fino dalle leggi romane era data l'azione di ingiuria all'erede contro chi avesse offeso la memoria d'un defunto, dicensosi che* spectat ad existimationem nostram si qua ei fiat iniuria. *Ed invero, e` manifesto che l'oltraggio fatto alla memoria di un defunto diventi offesa, e talora atroce e funesta offesa, per la sua famiglia e per i suoi legittimi rappresentanti, interessati a mantenere inviolati, come sacro e prezioso retaggio, l'onore di un nome che e` pure il loro, o la memoria di una persona cui sono avvinti da delicati ricordi di affetto o di riverenza."…*Ora, nei termini veri del capoverso dell'art. 400, si disputa quale sia la ragione giuridica del diritto di querela attribuito ai superstiti, perche` essendo spenta la personalita` del defunto, questi non potrebbe considerarsi come paziente del delitto. Abbiamo gia` riferito le parole della relazione ministeriale 1887 in tale argomento. Nella dottrina prevale la considerazione che le offese ai defunti colpiscono anche il diritto dei superstiti o in ragione dell'affetto o in ragione di un discredito mediato; feriscono il diritto nostro di veder rispettato il decoro e la stima del morto, che e` anche decoro e stima nostra (para. 1814, 1817).

Fl-istess vena u dwar l-istess disposizzjoni, Giulio Crivellari jghid hekk:

Questo diritto di querela in questi casi ha il suo fondamento nel fatto che con l'offesa al defunto non si lede un diritto di questo, ma bensi` un diritto del vivo alla rispettabilita` del nome di colui con cui e` legato con vincoli inalterabili di famiglia, di amore e di riconoscenza. Il vivo in questo caso non esercita il diritto di querela in nome di chi piu` non e`, ma in nome proprio, poiche` pei vincoli sopradetti e` egli che ha ricevuto l'offesa, e` verso di lui che fu consumata la violazione del diritto, poiche` chi non ha piu` vita, non ha piu` diritti, e non avendone non puo` essere piu` passibile di lesione (Il Codice Penale per il Regno d'Italia UTET, 1896, p. 1190, para. 213).

U dwar il-posizzjoni fil-kodici penali taljan vigenti, Francesco Antolisei jghid hekk:

I defunti…debbono essere esclusi dal novero dei possibili soggetti passivi dei delitti contro l'onore. Essi non sono persone, e l'offesa alla loro memoria, la quale e` espressamente prevista nell'ultimo comma dell'art. 597, colpisce i viventi che hanno interesse a pretendere il rispetto, e cioe` i prossimi congiunti, l'adottante e l'adottato, i quali sono i veri soggetti passivi del reato (Manuale di Diritto Penale Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale Vol. I, p. 159).

Precizat dan il-punt, il-Qorti sejra tghaddi issa biex tezamina l-fatti tal-kawza u l-aggravji tal-appellant.

Din il-kawza ssib l-origini taghha f'incident li sehh fl-1954 fl-isfond ta' dik li hi l-pika li kien hemm – li li jidher li, sfortunatament, ghad hemm – bejn iz-zewg kazini tal-banda tar-Rabat, Ghawdex, u z-zewg parrocci tal-istess lokal. Mill-provi jirrizulta li f'Settembru ta' dik is-sena, ftit qabel ma kellha ssir il-festa ta' San Mikiel Arkanglu, persuni mhux maghrufa (ghalkemm wiehed minnhom, in segwitu, sar maghruf lix-xhud Pawlu Mizzi – ara d-deposizzjoni a fol. 229 *et seq.*) kienu hadu l-gwienah tal-istatwa ta' dan l-arkanglu, li kienet tinzamm fil-Bazilika u knisja parrokkjali ta' San Gorg, bl-iskop evidenti sabiex f'jum il-festa din l-istatwa ma tkunx tista' tinhareg u tigi akkumpanjata mill-banda rivali tal-Iljun. Fil-fatt hekk gara, u l-istatwa ma inhargitx; pero`, s'intendi, bdiet inkjesta permezz ta' l-Awtorita` Gudizzjarja dwar is-serqa ta' dawn il-gwienah. Ix-xhud Pawlu Mizzi, li dak iz-zmien kien korrispondent tat-*Times of Malta*, sar jaf, b'kumbinazzjoni, b'ghall-anqas wiehed mill-persuni li kienu involuti fit-tehid tal-gwieneh, u sar jaf ukoll – ghax qaltlu din il-persuna – kif u ghala kienu hekk ittiehdu; pero`, peress li Pawlu Mizzi kien ta l-kelma tieghu lil dan iz-zaghzugh li ma kienx ser jikxfu, l-editur tal-gazzetta aktar 'l fuq imsemmija ma kien ippublika xejn mill-fatti li kien sar jaf bihom dana Mizzi. Gara, pero`, li maz-zmien kien hemm xi indikazzjonijiet li sacerdot kien ser jigi akkuzat intortament bis-serq tal-gwienah. Fi kliem ix-xhud Pawlu Mizzi,

*"Jien bhala korrispondent tat-Times bqajt insegwi l-inkjesta Magisterjali li dak iz-zmien kienet qed tigi kondotta mill-allura Magistrat Dott. Giovanni Refalo, u minn "feelers" li kelli kont naf illi kwazi kwazi kien ser jehel certu sacerdot Dun Anton Grech. Dak inhar li sirt naf li…l-indagini kienet qed tipponta fid-direzzjoni ta' dan is-sacerdot kont mort sibt lil dan iz-zaghzugh li kien precedentement gie jkellimni, jien ghidtlu, anzi wissejtu lil dan iz-zaghzugh li jekk sa l-ghaxra ta'*

*filghodu ta' dik il-gurnata il-gwienah ma kienux ser jigu ritornati jew imqeghda f'posthom jien kont sejjer mill-ewwel ghand il-Pulizija u nghid lill-Pulizija dak li kont sirt naf minghandu. Fil-fatt dana qalli ghatini cans iktar mill-ghaxra, qalli ghax lanqas nilhaq insib lil shabi l-ohra."* (fol. 230-231)

In segwitu l-istess Pawlu Mizzi, wara li ha parir, inkluz minghand il-konfessur tieghu, mar ma' persuna ohra (li pero` ma kienitx huh Gorg) biex jigbor il-gwienah mill-post fejn iz-zghazagh qalulu li kienu ser ihalluhom, ghabbiehom fil-van tal-familja (li kienet van tas-*7 Up* peress li huma kienu l-agenti ta' dan il-prodott f'Ghawdex) u, bi ftehim ma' l-Arcipriet tal-Bazilika, il-gwienah thallew fil-gnien ta' l-istess Arcipriet. X'aktarx proprju ghax kienet intuzat dik il-van, bdiet tigri ix-xniegha li huh Gorg – li, kif jirrisulta mill-provi, ma kellu x'jaqsam assolutament xejn ma' din l-affari kollha – kien b'xi mod implikat fis-serq tal-gwienah. U, aghar, meta xi zmien wara dana Gorg intlaqat bil-*mudguard* ta' vettura u miet, bdiet tigri xniegha ohra fis-sens li dan kien kastig minghand Alla: talli kien seraq il-gwienah ta' l-Arkanglu, hu intlaqat u miet b'gwenah (il-*mudguard* kif inhu maghruf f'Ghawdex) ta' vettura.

Fl-1994 l-appellant – li hu mhux biss studjuz ta' l-istorja izda *senior lecturer* u kap tad-Dipartiment tal-Istorja tal-Knisja, Patrologija u Arkeologija Paleokristjana fi hdan il-Fakulta` tat-Teologija fl-Universita` ta' Malta – ippubblika ktieb zghir, intiz principalment ghat-turisti li jzuru Ghawdex, jismu *Forty More Legends From Gozo – Stories of Bygone Times.* L-istorja jew "leggenda" numru 17 tirrigwarda proprju l-fatti hawn aktar 'l fuq imsemmija; u l-kwerelanti Paul, Frank u Anthony, ahwa Mizzi, qed jilmentaw li l-ahhar paragrafu ta' dina l-istorja hu libelluz fil-konfront taghhom minhabba li jorbot is-serqa tal-gwienah ma' huhom il-mejjet (Gorg). Din il-Qorti ser tirriproduci l-istorja (kullma fiha huma tlett paragrafi) fl-intier taghha:

***The robbery of the Archangel's wings***

***In the town of Rabat the people are divided into two factions, each with its own parish church and philharmonic society. The healthy rivalry between the two factions has led to the organisation of feasts on a really grand scale. Some feasts were organized alternately by the two societies every other year. One of these was that of Saint Michael the Archangel on 29 September, when a beautiful statute of the Archangel sculpted in wood by Xandru Farrugia in 1838, was taken round in a very popular procession from the parish church of Saint George.***
***In 1954, it was the turn of the* Il Leone *society to celebrate the feast, but due to a host of parochial differences, some hot headed persons of the other faction vowed that they would not let the feast to go along as planned. So on the eve of the feast they hid inside the church and when the sexton closed the***

***church doors they proceeded to execute their plan. They climbed onto the plinth of the statue and dislodged the two enormous wings that emerged from the Archangel's back and also removed his shield and flaming sword. The following morning, when the theft was discovered, there was an uproar and the feast with the procession had to be cancelled.***
***The story goes that the person who masterminded the theft of the wings was eventually killed with another wing. In Gozo, the word wing,*** **gewnah*****, refers both to the organ of flight as to the mudguards of a car. The sacrilegious person was hit by a speeding car and died on the spot.***

L-ewwel qorti sabet lill-appellant hati taht l-Artikolu 11(a) tal-Kap. 248 bazikament ghas-segwenti raguni:

Bil-mod kif inhi miktuba dik l-hekk imsejjha leggenda hemm dak li l-awturi jsejhulu bhala ness dirett bejn il-fatt attribwit u l-awtur tal-fatt. Hekk allura hemm attribuzzjoni cara illi dak li kien wara s-serq tal-gwienah u accessorji mill-istatwa ta' San Mikiel miet kawza ta' incident tat-traffiku li minn angolu iehor huwa allegazzjoni cara li dak li miet b'din il-kawza kien l-istess wiehed li seraq dawn il-hwejjeg.

Fi kliem iehor, f'dan il-bran l-ewwel qorti kienet qed taghmilha cara li, skond l-awtur tal-ktieb (l-appellant, li qieghed jirriproduci dik li, skond hu, hi leggenda), minn kien il-mohh wara s-serqa gie eventwalment ikkastigat billi ttajjar u miet b'daqqa ta' gewnah ta' vettura.

Ghalkemm l-appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, jaqsam l-aggravji f'hames paragrafi, xi whud minn dawn il-paragrafi jkopru l-istess terren, u ghalhekk ikun aktar opportun li wiehed jissintetizza l-aggravji milli jezamina l-hames paragrafi *seriatim*. L-aggravju principali ta' l-appellant hu li b'ebda mod ma jirrizulta jew gie pruvat l-*animus iniuriandi*. Skond l-appellant kullma ghamel kien li rriproduca, fil-kuntest ta' ktieb li jitratta dwar leggendi, "leggenda" li kien sema' minghand missieru. Fil-kors tad-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-appellant fisser li anqas remotament ma kien ghaddielu minn mohhu li seta' kien hemm xi konnessjoni bejn dik il-"leggenda" u l-mejjet Gorg Mizzi. Issa, hija gurisprudenza pacifika in tema ta' libell, li ma hix mehtiega ghall-integrazzjoni tar-reat in dizamina l-intenzjoni specifika tal-kittieb li jivvilifika; huwa bizzejjed li jigu ppubblikati kliem li bhala fatt joffendu r-reputazzjoni ta' dak li jkun. Kif inghad mill-kompjant Imhallef William Harding fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mis-sentenzi tal-Qrati Inferjuri) tat-8 ta' Jannar, 1959 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Micallef Stafrace***,

Inghad fil-gurisprudenza ngliza illi:- *"The law looks at the tendency and at the consequences of the publication, not at the intention of the publisher…If the defendant has published words which have in fact injured plaintiff's reputation,*

*he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act"* (Kollezz. Deciz. XLIII, D, part. iv, 880, pagni 908-909).

Din il-gurisprudenza baqghet tigi segwita anke taht ir-*regime* tal-Kap. 248, jigifieri l-Att dwar l-Istampa tal-1974 (ara ***Il-Pulizija v. Anthony Montanaro u Joseph Busuttil*** App. Krim., 23 ta' Settembru, 1976; ***Il-Pulizija v. Onor. Perit Michael Falzon u Paul Spiteri*** App. Krim., 15 ta' Dicembru, 1977). Anke jekk wiehed jara kif inhu formulat l-Artikolu 11 tal-Kap. 248, jidher car li l-*animus iniuriandi* hu megtieg biss ghall-fini tal-paragrafu (a) tal-imsemmi artikolu, u cioe` meta "fil-malafama jigu attribwiti lil dik il-persuna [malafamata] fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha, jew li jesponiha ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku…" (sottolinear tal-Qorti). Ghalhekk fil-ligi taghna, il-kwistjoni tal-*animus iniuriandi* fil-kaz ta libell taffettwa, proprjament, il-piena li ghandha tigi erogata, izda mhux l-ezistenza o meno tar-reat.

Kwantu ghall-fatt li dak li gie ppublikat taht l-intestatura "The robbery of the Archangel's wings" jinsab fi ktieb ta' leggendi, tidhol hawn il-kwistjoni ta' l-*animus narrandi*[1]. Din il-Qorti hi tal-fehma li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn il-fatt li wiehed jirrakkonta dak li jkun gara fil-passat fir-rigward ta' xi persuna pubblika, jew jikkritika, anke b'mod pjuttost iebes, l-operat ta' dik il-persuna pubblika, ma jkunx jammonta ghal ingurja u, per konsegwenza, anqas ghal libell, minkejja li l-fatt riprodott ikun *prima facie* joffendi l-unur u l-fama ta' dik il-persuna pubblika jew ikun jesponiha ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku. Altrimenti l-istudjuzi ta' l-istorja, inkluza l-istorja kontemporenea, jistghu jzarmaw! Fil-kaz in dizamina, pero`, ghandna ktieb ta' "leggendi". Huwa veru li, bhala regola, leggenda hija storja, tramandata minn generazzjoni ghal ohra u li, ghalkemm jista' jkollha xi bazi fir-realta`, tibqa' in sostanza mhux awtentikata ghal dik li hi l-verita` o meno ta' dak li gara. Huwa veru wkoll, kif tajjeb issottometta l-abbili difensur tal-appellant fit-trattazzjoni orali, li "leggenda" hija xi haga li minn-natura taghha, m'ghandhiex titwemmen jew tittiehed bis-serjeta` Issa, jista' verament jinghad li l-istorja numru 17 hija leggenda? Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul hi tal-fehma li l-istorja, aktar milli leggenda, hi tahlita ta' fatti storici abbinati ma' xniegha; l-istorja hija, ghal dawk li huma l-ewwel zewg paragrafi, fatti storici facilment verifikabbli; kwantu ghall-ahhar paragrafu, dan ma huwa xejn hlief ix-xniegha tan-nies. Fi kliem iehor, l-istorja hija semplicement kronaka taht il-libsa ta' leggenda. Issa, is-semplici fatt li l-appellant irriproduca x-xniegha hekk kif kien semaghha minghand missieru ma jfissirx li ma hemmx malafama. Kif jinghad f'Gatley on Libel and Slander Sweet & Maxwell (London), 1981:

"Every republication of a libel is a new libel, and each publisher is answerable for his act to the same extent as if the calumny originated with him" (para. 261).

"…it is no defence to an action for slander that the defendant did not originate the slander, but published it by way of repetition or hearsay only. As great an

[1] A propositu tal-*animus narrandi*, ara Florian, E., La Teoria Psicologica della Diffamazione Fratelli Bocca (Torino), 1927, pagni 80 sa 92.

injury may accrue from the wrongful repetition as from the first publication of a slander…" (para. 262).

"The fact that the defendant was not the original author of the libel or slander, but only published it by way of repetition, is no defence" (para. 1434).

Aggravju iehor ta' l-appellant – li jissemma kemm fil-paragrafu 3 kif ukoll fil-paragrafu 5 tar-rikors ta' appell tieghu – huwa bazikament fis-sens li ma jistax jinghad li l-ahhar paragrafu tal-istroja b'xi mod jirreferi ghall-mejjet Gorg Mizzi. Mill-kumpless tal-provi, pero`, din il-Qorti hi sodisfatta li ghal min kien jaf bl-incident tas-serq tal-gwienah tal-arkanglu u ghal min kien jaf lil Gorg Mizzi, ir-referenza fl-ahhar paragrafu kienet cara: b'dak l-ahhar paragrafu kienet qed tigi ripetuta x-xniegha – fattwalment falza – li dan Gorg Mizzi kien b'xi mod imdahhal fis-serqa tal-gwienah (u dan minkejja l-fatt li Gorg Mizzi ma kienx miet "on the spot" izda kien miet xi jiem wara li ntlaqat – dettal zghir li din il-Qorti tara li ma jistax jaghmel differenza ghal minn kien midhla tal-fatti u konsapevoli tax-xniegha). Anzi, il-mod kif inhu redatt dan l-ahhar paragrafu ma jistax hlief jiftiehem – dejjem minn min kien jaf bl-incident u kien jaf lil Gorg Mizzi – li kien proprju dan Gorg Mizzi il-percimes (il-*mastermind*) wara s-serqa. Ma hux mehtieg, biex ikun hemm l-identifikazzjoni tal-persuna malafamata, li kull minn jaqra l-istorja jasal biex jikkonnetti l-ahhar paragrafu ma' Gorg Mizzi; huwa bizzejjed li tali konnessjoni jaghmluha dawk il-persuni li, kif inghad, kienu jafu bl-incident u kienu jafu bix-xniegha fuq il-mejjet. Kif jinghad f'Gatley on Libel and Slander (appena citat)

"The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to let those who knew him understand that he was the person meant. It is not necessary that all the world should understand the libel; it is sufficient if those who knew the plaintiff can make out that he is the person meant…i.e. meant by the words employed…There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if, in the opinion of a jury, a substantial number of persons who knew the plaintiff, reading the article, would believe that it refers to him, in my opinion an action, assuming the language to be defamatory, can be maintained; and it makes no difference whether the writer of the article inserted the name or description unintentionally or by accident, or believing that no person existed corresponding with the name or answering the description. If upon the evidence the jury are of opinion that ordinary sensible readers, knowing the plaintiff, would be of opinion that the article referred to him, the plaintiff's case is made out...It is the circumstances in which a statement is made which give it colour, meaning and thrust: they may combine to make a statement, seemingly innocuous in itself, an infamous defamation of a person who is caught and pointed to by those circumstances…Even if the ordinary member of the public who reads a defamatory statement in its context would not regard it as referring to the plaintiff, nevertheless it will be held to refer to the plaintiff if it has been published to readers who as a result of special facts or special knowledge would understand it as so referring. The question is "how ordinary sensible men having the special knowledge proved could understand the words complained of…"" (para. 282, 283)[2].

[2] Ara wkoll f'dan is-sens ***Alphonse Farrugia v. Joseph Fava et.*** App. Civili, 15 ta' Jannar, 1997.

Fil-kaz in dizamina gew prodotti mill-prosekuzzjoni diversi persuni, kemm familjari ta' Gorg Mizzi kif ukoll nies ohra li kienu jafuh u kienu jafu dwar l-incident tas-serq tal-gwienah u dwar ix-xnieghat li kien hemm wara fuq l-istess Gorg Mizzi, li fissru li ghalihom kien car li l-ahhar paragrafu ta' l-istorja numru 17 kienet tirreferi ghall-istess Gorg Mizzi. Dana l-aggravju qieghed, ghalhekk, jigi wkoll respint.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li fid-dawl tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali – inkorporata fil-ligi ta' Malta bil-Kap. 319 – id-dritt ghall-liberta` ta' espressjoni ghandu jipprevali fuq id-dritt ta' dak li jkun li ma jkunx imwegga' b'xi stampat. L-appellant jghid testwalment hekk fir-rikors tieghu:

Fuq kollox hemm id-dritt li wiehed jirrapporta il-verita` u anke dik il-verita` li twegga'. Inkella ebda storiku, ebda kittieb li jrid jirriproduci l-qalba kulturali ta' komunita`, ma jkun fil-liberta' li jirriproduci dak li verament ghadda u ntqal fi hdan dik il-komunita` minghajr il-biza` ta' persekuzzjoni. Valur aqwa u ghola minn dak li jkun ma jweggax, hemm il-valur li wiehed ikun fidil lejn il-fatti, u jekk wiehed jirriproduci parti mill-istorja tal-Gzira ta' Ghawdex, parti mill-kultura, u parti mill-folklore, m'ghandux jghix fil-biza' li jinqala xi hadd minn x'imkien u jharrku ghaliex kien b'xi mod jew iehor implikat.

Issa, ghalkemm huwa veru li l-Artikolu 10 tal-imsemmija Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt ghall-liberta` ta' espressjoni (liema dritt jinkludi l-liberta` li wiehed ikollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-Istat), l-istess artikolu jaghmilha cara li l-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet igib mieghu wkoll dmirijiet u responsabbiltajiet, u ghalhekk hemm ir-restrizzjoni, mehtiega f'socjeta` demokratika, "ghall-protezzjoni tar-reputazzjon jew drittijiet ta' haddiehor". Fl-ahhar mill-ahhar il-problema hi dejjem dik li wiehed irid isib bilanc gust bejn id-dritt ghall-liberta` ta' espressjoni u d-dritt li wiehed ma jigix malafamat, anke jekk wara mewtu. Ma hemmx dubbju wkoll li, bhala regola, minn jirriproduci <u>fatti veri</u> dwar <u>persuni fil-hajja pubblika</u> jew dwar <u>materja ta' interess pubbliku</u> (*matters of public concern*) u minn jesprimi <u>opinjonijiet (*value judgements*) dwar dawk il-fatti jew dwar dik il-materja</u> m'ghandux jigi ccensurat, ghax wiehed ghandu normalment jassumi li l-pubblikazzjoni ta' dawk il-fatti u l-espressjoni ta' dawk l-opinjonijiet tkun saret purament fl-interess pubbliku u mhux b'xi motiv ulterjuri (diffamatorju). U f'dan is-sens esprimiet ruhha, bazikament, il-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenzi ***Lingens v. Austria*** (8 ta' Lulju, 1986), ***Oberschlick v. Austria*** (1 ta' Lulju, 1997) u ***Thorgeir Thorgeirson v. Iceland*** (23 ta' Settembru, 1994)[3]. Fil-kaz in dizamina, izda, ghanda persuna li certament ma kienitx persuna pubblika (Gorg Mizzi); u ghandna fatti inveritjeri (li kienu essenzjalment xniegha) imqieghda quddiem il-qarrej minghajr ebda tentattiv da parti ta' l-awtur sabiex jivverifika dawk il-fatti (li, peress li ma kienux ilhom li sehhew, setghu jigu

[3] Ara wkoll Emmerson, B., u Ashworth, A., <u>Human Rights and Criminal Justice</u> Sweet & Maxwell (London), 2001, pp. 240-241.

verifikati) jew sabiex jaghmilha cara li dak l-ahhar paragrafu m'ghandux jitwemmen. Fil-fehma tal-Qorti l-appellant ma jistax f'dan il-kaz jinheba wara l-kultura jew wara l-folklore u jinvoka xi-"valur aqwa u ghola" kif ghamel fil-bran mir-rikors tal-appell appena citat. Ix-xniegha (*rumour*) tibqa' xniegha, u dak li jkun ma jistax jirriproduciha kif gieb u lahaq, u mbaghad jinvoka l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant f'ebda hin ma ried jaghti xi malafama lil mejjet Gorg Mizzi u, indirettament, lil hutu l-kwerelanti. Anzi wara li nduna bl-izball tieghu huwa, bhala kttieb responsabbli u ta' l-affari tieghu, nehha l-istorja dwar il-gwienah tal-arkanglu mit-tieni edizzjoni tal-ktieb u ssostitwiha b'"leggenda" ohra. Ghalhekk il-malafama f'dan il-kaz m'ghandhiex taqa' taht il-paragrafu (a) tal-Artikolu 11 tal-Kap. 248, izda taht il-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu. Ghalhekk ukoll il-piena f'dan il-kaz ghandha tkun wahda nominali.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' malafama permezz ta' stampat skond l-Artikolu 11(a) tal-Kap. 248 u minflok issibu hati tar-reat inferjuri, izda kompriz u involut, ta' malafama permezz ta' stampat skond l-Artikolu 11(b) tal-imsemmi Kap. 248;
(b) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' mitejn lira u minflok tikkundannah multa ta' ghoxrin lira (Lm20); u
(c) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, cioe` dwar il-pubblikazzjoni tas-sentenza jew sommarju komprensiv taghha, b'dan li l-pubblikazzjoni ghandha tkun ta' din is-sentenza u mhux tas-sentenza ta' l-ewwel grad, u b'dan ukoll li tali pubblikazzjoni ghandha ssir fi zmien hmistax-il gurnata mill-lum.

Deputat Registratur
A. Testone